MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 254/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelus Fenech**

I1-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelus Fenech talli bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-23 ta' Awwissu 2002, minn Fenech Service Station li jinsab gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, naqas, jew hu jew l-impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li

tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tiegu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Angelus Fenech hati ta' l-ewwel l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni peress illi din inghatat bhal alternattiva ghall-ewwel imputazzoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Angelus Fenech pprezentat fit-22 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ssibu mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah minn kull htija u piena, u dana ghar-ragunijiet premessi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Meta l-Qorti giet biex tezamina l-atti processwali ghall-fini ta' l-istezura tas-sentenza, osservat li ghalkemm l-appellant kien gie misjub hati ta' imputazzjoni wahda biss (l-ewwel wahda), filwaqt illi dwar it-tieni imputazzjoni l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata "li biha sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu billi ssibu mhux hati tal-istess akkuzi u tilliberah minn kull htija u piena". F'dawn ic-cirkostanzi jidher li t-

talba kellha tkun ghar-riforma tas-sentenza appellata u mhux ghar-revoka taghha.

In vista ta' dan, din il-Qorti hasset li kellha ggib dan il-fatt mill-gdid quddiem il-prosekuzzjoni u d-difiza u tistidinhom jekk iridux jaghmlu xi sottomissjonijiet dwar dan il-punt li seta' jimporta n-nullita` tar-rikors ta' l-appell.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-punt;

Ikkunsidrat:

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li fejn l-appellant ikun gie misjub hati ta' xi akkuzi u misjub mhux hati ta' ohrajn, ghandha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u **mhux** ir-revoka jew thassir taghha. Altrimenti jkun hemm in-nullita` tar-rikors ta' l-appell fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kap. 9.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta' Gunju 1995, hi gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li n-nuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kap. 9 hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku. F'dik l-istess sentenza, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**"(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet 'very strictly and rigidly interpreted' (The Police v. John Hill, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-**

**ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba gat-tahsir, ir-rikors ikun null (P. v. Anthony Zammit, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; P. v. Richard Vincenti Kind, App. Krim., 16/9/72); P. v. Carmelo Agius, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Gie ritenut ukoll illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[1].

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti giet mitluba mill-appellant li "tirrevoka" s-sentenza appellata "li biha sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu". Kif diga` nghad aktar 'il fuq, l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati biss ta' imputazzjoni wahda, u cioe` ta' l-ewwel wahda. Dwar it-tieni imputazzjoni l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha peress illi kkunsidratha bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel wahda. Zgur ma jistax jinghad

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003.

ghalhekk li l-appellant instab hati ta' dik it-tieni imputazzjoni wkoll. Nonostante cio`, fuq il-premessa zbaljata li huwa kien instab hati ta' kollox, l-appellant imbaghad talab lil din il-Qorti ssibu mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

Evidentement f'dan il-kaz l-appellant kellu jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata u li din il-Qorti tirrevokaha biss in kwantu kien instab hati dwar l-ewwel imputazzjoni filwaqt li tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Konsegwentement ir-rikors huwa evidentement irritu u null[2].

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell irritu u null ghax ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9, u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ghal kull bwon fini din il-Qorti jidrilha li ghandha tissotolineja li hi semghet ix-xhieda *viva voce* u ma taqbilx li l-appellant m'ghandux iwiegeb ghall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Wara kollox, anke jekk wiehed jaccetta l-verzjoni li ta l-appellant, hu ma kellu l-ebda garanzija li l-klijent, jekk isib li l-*ispark plug* li xtara kien jaqbel, kien ser jirritorna.